MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Numru 813/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Abdulahi Mohamed Adow**

**Omissis**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’

**Abdullahi Mohamed Adow** bin Mohammed Adow u Madina nee' Mohamed, imwieled Somalja fl-1 ta' Jannar, 1982, residenti gewwa Pisani C, Joe, Flat 1 Triq Stiefnu Zerafa, Marsa u detentur ta' passaport bin-numru 9012164 u;

**Omissis**

Akkuzati talli nhar il-31 ta' Awwissu, 2014 ghal habta tal-hamsa ta' filghodu (05:00am) f' dawn il-Gzejjer :

Ikkommettew serq ta' kartiera li kien fiha Euro 40 fi flus kontanti, mobile phone tal-ghamla I phone 5, credit cards u dokumenti personali, liema serq huwa kkwalifikat bil-'vjolenza', bil-'valur', bil-'hin' ghad-detriment ta' Bogdan – Marius Cainaru u/jew persuni ohra (Art. 261 (a),(c)(f), 262(1)(b), 267, 270 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Abdulahi Mohamed Adow wahdu talli f' dawn il-Gzejjer ikkommetta reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, meta b' sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta nhar il-25 ta' Mejju 2014 gie kkundannat ghal piena ta' 16 –il xahar prigunerija liema perjodu ta' prigunerija giet sospiza ghal perjodu ta' 3 snin.

Abdulahi Mohamed Adow wahdu talli naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li bih inghata l-helsien mill-arrest.

Abdulahi Mohamed Adow talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi f’ dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li kien gie misjub hati b’ diversi sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 30 t’ Ottubru, 2014 (esebita a fol. 60 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

- F l-Artikoli 261(a),(c) u (f), 262 (1)(b) u (2), 267, 270, 276, 277, 279(a), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- F l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- F l-Artikoli 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- F l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- F l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-31 t’ Ottubru, 2014, l-imputat iddikjara li m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet it-Trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw serq ta' wallet b'€40 u credit cards u dokumenti personali fih u mobile phone (mudell Iphone 5S) ta' valur ta' madwar €650) li sehhet fil-31 ta' Awwissu 2014 ghall-habta tal-5.00am minn fuq guvni Rumen, Bogdan Marius Cainaru, li kien rieqed fuq bank f'Wilga Street, San Giljan. Dan tal-ahhar li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-1 ta' Settembru 2014 spjega li dak il-lejl huwa kien mar Paceville flimkien ma' shabu u f'certu punt intilef minn maghhom u peress li kien ghajjien iddecieda li jorqod fuq bank hdejn l-istage sabiex jistenna lil shabu peress li huma kienu ser jaqbdu l-ewwel bus sabiex imorru d-dar. Huwa spjega li waqt li kien rieqed hass lil xi hadd hdejh qed imissu u jfitixlu fil-but u meta fetah ghajnejh sab lill-imputat baxxut fuqu. Il-vittma jghid li kien hemm ukoll terzi persuni mal-imputat u fil-pront ra lill-Pulizija qed javvcinawhom u dawn in-nies, inkluzi l-imputat jitilqu jigru. Ix-xhud spjega li huwa sab il-wallet nieqes fejn kellu €40 u credit cards u dokumenti personali fih u mobile phone (mudell I-phone 5S) li kien jiswa €650.  Bogdan Marius Cainaru identifika lill-imputat bhala l-persuna lli ra baxxut fuqu malli fetah ghajnejh u qed imissu. PS 430 Andrew St. John li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta' Settembru 2014 spjega li huwa fil-gurnata u hin in dizamina kien qed jaghmel ronda lejn in-naha t'isfel ta' Wilga Street meta ra grupp ta' nies (erbgha) ta' karnaggjon skura qed iduru ma' guvni li kien rieqed fuq bank u huwa identifika lill-imputat bhala l-persuna li ra qed jitbaxxa fuq il-

vittma imissu u jdahhal idejh fil-bwiet ta’ dan il-guvni u johrog xi affarijiet . Dan ix-xhud jghid li huwa mar jigri lejn dawn l-irgiel li telqu jigru u huwa ra lill-imputat, li kien l-ahhar wiehed, jghaddi xi haga lil wiehed mill-irgiel l-ohra u spjega inoltre li huwa rnexxielu jaqbad lill-imputat u jarrestah.

Illi l-imputat jinnega li huwa seraq xi haga minn fuq il-vittma u fl-istqarrija minnu rilaxxjata[1] kif ukoll meta xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta’ Jannar 2015 isostni li huwa u shabu kienu qed jghinu lil xi hadd li kien qed jirregetta meta huwa gie arrestat mill-Pulizija Dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest l-imputat jghid li ma kienx mar jiffirma ghal hamest ijiem biss u li kiser il-kundizzjoni tar-rinkazar ghaliex kien qed jiehu gost.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat b’serq kwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-valur u bil-hin kif ukoll li kkommetta reat waqt perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija fil-25 ta’ Mejju 2015, li kiser il-kundizzjonijiet ta’ digriet ghall-helsien mill-arrest u li rrenda ruhu recidiv.

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jirrizulta li dawn l-imputazzjonijiet huma lkoll pruvati sal-grad rikjest mill-ligi. L-imputat gie identifikat kemm mill-vittma kif ukoll minn PS 430

[1] Inserita a fol. 15 sa 17 tal-atti processwali.

Andrew St. John bhala l-persuna li huma raw baxxut fuq il-vittma qed idahhal idejh fil-but tieghu. L-imputat gie maqbud in flagrante delicto u arrestat dak il-hin stess. Din il-Qorti ghalhekk m'ghandiex dubju li l-imputat kien wiehed minn grupp ta' persuni li daru mal-vittma sabiex jisirquh u li kien il-persuna li effettivament dahhal idejh fl-bwiet tal-vittma u seraqlu l-oggetti ndikati aktar il-fuq fl-korp ta' din is-sentenza. In kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiiet l-ohra addebitati lill-imputat il-Prosekuzzjoni esebiet is-sentenza relattiva tal-25 ta' Mejju 2014[2] fejn hemm indikati l-konnotati kollha tal-imputat u ghalhekk ma hemmx dubju li din is-sentenza inghatat fil-konfronti tal-imputat odjern fejn huwa gie kkundannat sittax (16) –il xahar prigunerija sospizi ghall-perjodu ta' tliet (3) snin. Il-Prosekuzzjoni produciet ukoll vera kopja tal-bail conditions imposti fuq l-imputat fl-24 ta' Lulju 2014[3] kif ukoll il-bail book[4] minn fejn jirrizulta li l-imputat kien barra waqt il-hin li huwa suppost kien rinkazat kif ukoll li huwa ma kienx qed jiffirma l-Ghassa ta Birzebugia kif kien obbligat jaghmel.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recidiv, kif ukoll il-fatt li huwa m'gharafx jiehu l-opprtunita' li jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba moghtija lilu minn din il-Qorti kif diversament presjeduta meta inghata is-sentenza sopsiza u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva u inoltre tirrendi operattiiv il-perijodu ta' sittax (16) il-xahar prigunerija impost permezz tas-sentenza tal-25 ta' Mejju 2014.

[2] Vera Kopja tas-sentenza tinsab inserita a fol. 45 u 46 tal-atti processwali.
[3] A fol. 42 u 43.
[4] A fol. 44.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-Gudizzju tal-1 ta Ottubru 2014 u senjatament l-Artikoli 261(a), (c), u (f), 262(1)(b) u (2), 267, 270, 276, 277, 279(a), 280, 281, 28B(1), 579(2) u (3), 49, 50, 289,, 17, 20 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzonijiet kolllha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija Il-Qorti inoltre tordna li l-perijodu ta' sittax(16) il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin li l-imputat gie kkundannat permezz tas-sentenza tal-25 ta' Mejju 2014 isir operattiv b'effet millum sabiex b'hekk l-imputat ghandu jiskonta piena karcerarja kumplessiva ta' erbghin xahar (40) prigunerija. Il-Qorti inoltre tordna ir-riarrest b'effett immedjat tal-imputat u tordna li s-somma ta' sitt mitt Ewro (€600) u cioe' l-ammont impost bhala garanzija personali fid-digriet tal-helsien mill-arrest tal-24 ta' Lulju 2014 jghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------